SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 5911

Illum it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2011

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5811 li saret nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2011 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Tilqima kontra l-influenza*

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li kienet kelmita residenta li qaltilha li meta ċemplet il-Kunsill biex tinkiteb għat-tilqima kontra l-influenza, ingħatat tweġiba li isimha ser ikun fil-*waiting list*. Il-Kunsillier Joe Bonello qal li meta resident jiġi biex jinkiteb wara l-*closing date* stabbilita, dan jitniżżel fil-*waiting list* peress li l-lista li jkollu l-Kunsill li tkun ingħalqet fil-*closing date* tkun diġa ntbagħtet għand il-Primary Health Department. Huwa kompla jgħid li s' issa l-Primary Health Department dejjem tagħna l-*injections* tan-nies li nkitbu tard u ma kien qed jara ebda problema.

### 1.1.2 *Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-proġett hawn fuq imsemmi. Is-Sindku qal li għalissa għad m' hemm xejn ġdid.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-27 ta' Settembru 2011 l-24 ta' Ottubru 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1331/11/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Applikazzjoni *memo* 87/2011
- 1219/11/O – Trasport Malta – Xintill *Roundabout*
- 1232/11/O – Green Mt - *European Week for Waste Reduction*
- 1231/11/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja
- 1307/11/O – Ricky Caruana – *Letter of Acceptance* - *Tender* (HB) 57/11/04

- 1333/11/O – Karl De Flavia – *Letter of Acceptance* - SLLC Q(57/11/07)
- 1166/11/O – Ricky Caruana – *Letter of Acceptance* - SLLC Q(57/11/11)
- 1167/11/O – Borg Contractors – *Letter of Acceptance* - SLLCQ(57/11/10)
- 1180/11/O – Karl De Flavia – *Letter of Acceptance* - SLLC Q(57/11/08)

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1192/11/I – Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*
- 1195/11/I – Subcultural Animal Friends – Ktejjeb għall-istudenti fl-Iskejjel Primarji
- 1204/11/I – Estate Management Directorate – *multipurpose pitch*
- 1234/11/I – Mepa – PA/04363/09 – Karl Chircop *Memorial Grove*
- 1243/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - *Memo* 44/2011
- 1253/11/I – Green MT – *European Week for Waste Reduction*
- 1277/11/I – Resident – suġġeriment
- 1278/11/I – Kumitat Konġunt – LES *Pooling Funds*
- 1280/11/I – St. Thomas More College Sta Lucia Girls' Secondary – *Learning Support Zone*
- 1284/11/I – The Mother House – ittra ta' awtorizzazzjoni
- 1294 – Uffiċċju tal-Prim Ministru - Avviż tal-Gvern dwar il-Bumuqran l-aħmar
- 1297/11/I – Convenant of Mayor's Office – *Invitation to signitories*
- 1298/11/I – Resident – *Football Ground*
- 1314/11/I – Maltese Olympic Committee – "*MOC Sports Awards*"

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- *SLLC Memo 17/2011* – Ħlas ta' pagament – xogħol ta' kostruzzjoni tal-latrina pubblika.
- *SLLC Memo 18/2011* – Xogħol fuq il-Jogging Track.

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1192/11/I il-Kunsill innota *press release* tal-Malta Council for Culture and the Arts rigward attivitajiet kulturali għal perjodu Jannar 2012 u Marzu 2012.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1195/11/I, il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-proġett u l-inizjattiva tas-Subcultural Animal Friends li minnha ser jibbenefikaw studenti fl-iskola ta' *year* 4, 5 u 6 ta' l-iskola primarja ta' l-istat.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1204/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Estate Management Directorate kien bagħat *e-mail* fejn informa l-Kunsill dwar żewġ biċċiet art madwar il-*football ground* li ġew trasferiti lil Kunsill Malti għall-Isport permezz ta' l-avviż legali 25/2011. Is-sindku qal li skond dan l-avviż din l-art ser tintuża għall-kostruzzjoni ta' żewġ *pitches,* wieħed għall-5-*a-side football pitch* u l-ieħor għal *beach soccer*. Is-Sindku qal li fil-Parlament saret mistoqsija parlamentari dwar jekk saritx konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali dwar din id-devoluzzjoni u li l-Ministru Tonio Fenech qal li ma saret ebda konsultazzjoni mal-Kunsill f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddiskuta wkoll in-*netting* ħadra li ġiet imdawra mal-*fencing* tal-*football ground*.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1234/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Mepa approvat il-permess għal *embellishment* tal-Karl Chircop *Memorial Grove* li tinkludi wkoll il-kostruzzjoni ta' ġibjun.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1243/11/I saret referenza għal *memo* 44/2011 - skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet *Lifelong Learning*. Il-Kunsill ġie nfurmat li peress li ma applikawx biżżejjed residenti minn Santa Luċija biex jingħaqdu klassijiet, id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja kien ser jinforma lir-residenti li jekk iridu jistgħu jattendu għal dawn il-lezzjonijiet f'xi ċentru ta' l-*evening classes*.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1253/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kumpanija Green Mt laqgħet it-talba tal-Kunsill u ser tisponsorja b' €500 f'kotba għal inizjattiva li ser jorganizza l-Kunsill fl-okkażjoni tal-*European Week for Waste Reduction*. Huwa qal li ser issir laqgħa ma' Green Mt biex jiġu diskussi d-dettalji ta' din l-attivita'.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1277/11/I il-Kunsill innota suġġeriment minn resident dwar ħmieġ tal-klieb. Huwa ppropona li jsiru tabelli li jindikaw li min jinqabad iħammeġ jeħel multa. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment ta' dan ir-resident.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1278/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat Konġunt Grupp G kien bagħt is-somma ta' €4,849 għal perjodu tal-*pooling* mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awissu 2011.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1284/11/I informa l-Kunsill li ser issir maratona tas-*snooker* f'Santa Luċija Boċċi Club u l-flus li ser jinġabru ser imorru b'risq is-Sorijiet ta' l-Ursolini. Is-Sindku qal li din hija l-ewwel darba li ser issir attivita' simili f'Santa Luċija u qal ukoll li din il-maratona ser tiġi inawgurata mill-E.T President tar-Repubblika ta' Malta.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1280/11/I is-Sindku qal li kitbet il-kap ta' l-iskola ta' St. Thomas More College Sta Luċia Girls' Secondary School dwar it-twaqqif ta' *Learning Support Zone*. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lil kap ta' din l-iskola ħalli jara kif il-Kunsill jista' jikkollabora f'din l-inizjattiva.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1294/11/I saret referenza għall-*memo* 79/2011 - kontroll fuq il-firxa tal-bumunqar l-aħmar. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li kienu ser ikomplu jittieħdu l-passi meħtieġa mill-kuntrattur għaż-żamma u manutenzjoni ta' ġonna.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1297/11/I is-Sindku qal li kien ser jattendi għall-iffirmar tal-*Covenant of Mayors* li ser issir fi Brussels fid-29 ta' Novembru 2011. Huwa qal li hu ser jinzerta qiegħed Brussels u jieħu biss DSA ta' ġurnata.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru ta' referenza 1298/11/I il-Kunsill innota ittra ta' resident li lmenta dwar in-*netting* aħdar li qed idawwar il-*ground* tal-*football*. Huwa għamel ukoll xi suġġeriment dwar *parking* f'parti minn Triq il-Klematis minħabba li skond dan ir-resident hemm periklu. Fil-kummenti tiegħu il-Kunsill qabel li dwar l-ilment, dan għandu jiġi ndirizzat lil *football club*. Fir-rigward tas-suġġeriment dwar traffiku, is-Sindku qal li kien ser jara x' jista' jsir.

**3.14** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1314/11/I il-Kunsill qabel li jidħol fl-iskema tal-*MOC Sports Award*. F'ittra li għandha tintbagħt f'dan ir-rigward il-Kunsill għandu jsemmi l-ħidma li saret fis-sena 2011 f'dawk li huma attivitajiet relatati ma' sport u saħħa fiżika. Għaldaqstant l-ittra msemmija għandha tinkludi l-*upgrading* tal-5-*a-side football pitch* u l-għajnuna li jagħti l-Kunsill lil Football Nursery, il-proġett ta' nstallazjoni ta' sistema ta' LED *lighting* fil-faċilita' tal-Jogging Track u l-*fitness classes* li saru għall-adulti u t-tfal.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *CCTV Cameras*

Is-Sindku rrefera għas-CCTV *cameras* li hemm ħdejn Xintill *Roundabout* u qal li qed jinħarġu ċitazzjonijiet lil sewwieqa li jiefqu biex jippikkjaw lil xi ħadd ħdejn il-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *Roundabout*. Huwa rrakkomanda li l-*camera t*itneħħa u jsir *single yellow line*.

### 4.2 *Tnaqqis mill-Allokazzjoni Finanzjarja*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar tnaqqis ta' €942.26 li sar mill-allokazzjoni finanzjarja bħala penali peress li d-dokumenti ta' l-*Audited Financial Statments* iddaħħlu tard. Is-Sindku qal li d-dokumenti msemmija kien ħadhom hu personali fil-ħin u li l-Kunsill kien bagħt ittra ta' protesta dwar dan it-tnaqqis.

### 4.3 *Memo 87/2011 – Skema ta' finanzjament ta' Proġetti Speċjali*

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien issottometta applikazzjoni taħt l-iskema hawn fuq imsemmija. Huwa qal l-Kunsill kien qed japplika għal fondi għal parti mill-proġett ta' *embellishment* tal-Masġar Karl Chircop peress li diġa għandu l-permessi tal-Mepa għal dan il-proġett. Filfatt fil-proposta tiegħu l-Kunsill ressaq il-proġett ta' kostruzzjoni ta' *underwater reservoir* li ser jinbena f'dan il-masġar. Huwa nforma l-Kunsill li l-istima ta' dan il-proġett tammonta għal €38,000.

### 4.4 *Bozza ħdejn il-Ġibjun f'Wied Garnaw*

Il-Kunsill innota talba biex isir dawl fejn il-ġibjun f'Wied Garnaw. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara jekk kienx hemm xi permess pendenti għal dawl ġdid f'din l-*area*.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3749 sa numru BOV3795 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-30 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru 2011.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 5811(27-09-11).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Settembru 2011 Ammont *Gross* €5872.59

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 15368 | 33.25 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | *Str. Lighting* | 2010078 | 407.43 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | *Council Mob.* PABX | 79.36 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Serv. Aug.*11 | 507.73 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Extra Serv. July* 11 | 35.40 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Extra Serv. Aug.*11 | 106.20 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Extra Serv. Sept.*11 | 147.50 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Serv. Sept.*11 | 491.35 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | 15456 | 144.95 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | *Serv. Sept.*11 | 2061.50 |
| Ricky Caruana | SLLC Q(57/11/11) | 20102011 | 4012.00 |
| Rite Mix (Gatt Bros.) Ltd. | PC 57/11/01 | 7685 | 8066.83 |
| Asfaltar Construciton Ltd. | RR/PW 57/09/05 | 624 | 6398.50 |

## 6. KWOTAZZJONI SLLC Q(57/11/12)

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għal xiri ta' għaxar TFT's għal librerija pubblika. L-offerti li ntefgħu għal din is-sejħa huma kif jidhru hawn taħt.

| | AMMONT | RIMARKI |
|---|---|---|
| MANUEL AQUILINA | €96.20 (excl.VAT)<br>€5.50 (excl.VAT)<br>€2.95 (excl.VAT)<br>€1.50 (excl.VAT) | *TFT 19"*<br>*KEYBOARD*<br>*MOUSE*<br>*CABLE POWER* |
| JERMAIN BRINCAT | €170.00 (excl.VAT)<br>€15.00 (excl.VAT)<br>€8.00 (excl.VAT)<br>€25.00 (excl.VAT) | *TFT 21.6"*<br>*KEYBOARD*<br>*MOUSE*<br>*WALL BRACKET* |
| OFFICE POINT MALTA | €135.29 (excl.VAT)<br>€93.50 (excl.VAT)<br>€32.59 (excl.VAT)<br>€13.50 (excl.VAT)<br>€6.95 (excl.VAT)<br>€3.50 (excl.VAT) | *TFT 23"*<br>*TFT 18.5"*<br>*WALL BRACKET (1554)*<br>*WALL BRACKET (1555)*<br>*KEYBOARD*<br>*MOUSE* |
| RENZO ATTARD | €125.00 (incl.VAT)<br>€10.00 (incl.VAT) | *TFT 18.5"*<br>*WALL BRACKET* |

Peress li f'din il-kwotazzjoni kien hemm involuti *items* tekniċi ġie deċiż li din tiġi analizzata aktar fid-dettal qabel tittieħed deċiżjoni.

## 7. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

Is-Sindku tkellem dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tat-tħejjija ta' l-attivita tal-Milied li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel ukoll li jinxtegħlu l-Pjazza u ċ-ċentri kummerċjali bħal ma jsir kull sena. Ġie deċiż li ssir sejħa għal kwotazzjonijiet għal dan it-tiżjin bid-dawl tal-Milied.

## 8 XOGĦOLIJIET

### 8.1 *Bankina fi Triq l-Għansar*

Saret referenza għal bankina li hemm fi Triq l-Għansar peress li din wara x-xita tkun tiżloq ħafna. Is-Sindku ppreżenta stima tax-xogħol biex din il-bankina ssir bil-*brushed concrete*. Filfatt l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €1126.06. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol ta' *upgrading* ta' din il-bankina.

## 8.2 *Triq Ineż Soler*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi li kien hemm fir-rigward tax-xogħol ta' *resurfacing* li għandu jsir fi Triq Ineż Soler. Huwa qal li l-perit tal-kuntrattur Ritemix kien bagħt it-*traffic management plan* lil Transport Malta u qed jistenna li din tiġi approvata mill-Land Transport biex ikun jista' jibda x-xogħol.

## 8.3 *Manutenzjoni u titjieb fil-Playing Field*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li minn *site meeting* li sar mal-kuntrattur li kien responsabbli mill-proġett tal-*playing field*, irriżulta li hemm bżonn ta' xi manutenzjoni, sew fuq l-apparat kif ukoll fuq il-*matting*. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser japplika għal fondi taħt l-iskema ta' finanzjament għal titjib fil-*playing fields* (*memo* 66/2011) biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li fl-applikazzjoni tiegħu l-Kunsill ser jipproponi li jixtri *playing field equipment* ieħor biex jiġi nstallat fil-parti ta' wara l-ħwienet.

## 8.4 *Proġett fil-Jogging Track*

Is-Sindku semma l-proġett ta' nstallazzjoni ta' LED *lighting system* u qal li dan jinsab lest u filgħaxijiet il-Jogging Track qed ikun mixgħul u mdawwal. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin ser isir il-ħrit tal-ħamrija u ser jinżergħa wkoll it-*turf*. Ġiet approvata kwotazzjoni ta' €650 biex isir dan ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li l-ELC Ltd. ser tipprovdi wkoll 270 xitla tal-Pittisforum biex jinżergħu f'din l-*area*. Saret referenza għal wiċċ tat-*track* u għal bżonn li ssir xi ħaġa dwaru. Is-Sindku qal li kien ser jikteb lil Kunsill Malti għall-Isport dwar il-possibilta' ta' għajnuna biex il-wiċċ tal-Jogging Track isir wieħed sintetiku addattat għal faċilitajiet simili.

# 9. RAPPORT FINANZJARJU

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju għal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Settembru 2011. L-accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni fid-dettal tad-dħul u ħruġ finanzjarju tal-Kunsill għal dan il-perjodu. Saru xi emendi żgħar li ġew innutati u s-Sur Caruana għandu jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa. Ir-rapport emendat għandu jitqies bħala approvat mill-Kunsill.

**TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar is-Sibt, 26 ta' Novembru 2011 fid-9.00a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>is-Sibt, 26 ta' Novembru 2011</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**